MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2005

Appell Civili Numru. 1144/2004/1

**Joseph Ellul u Iris Ellul**

**vs**

**Noel Gauci f' ismu proprju li jinnegozja taht l-isem kummercjali Gautech**

**Il-Qorti,**

Fl-20 ta' Mejju 2005 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-31 ta' Mejju, 2004, fejn intqal illi l-atturi xtraw "motorized dish" u "decoder" minn ghand il-konvenut, bil-prezz ta' Lm300 li thallsu fit-3 ta' Marzu, 2004. Id-"decoder" kien difettuz, il-konvenut ipprova jirrangah, izda baqa' difettuz. Ghalhekk

qed issir talba ghar-rifuzzjoni ta’ Lm300 u l-interessi, u l-konvenut jiehu lura l-oggetti mixtrija.

Ra r-risposta pprezentata mill-konvenut fl-24 ta’ Gunju, 2004 fejn intqal illi:
It-talbiet attrici ghandhom jigu michuda fil-fatt u fid-dritt stante illi:
1. Fl-ewwel lok l-inkompetenza ratione materiae tat-Tribunal sabiex jiddeciedi t-talba attrici;
2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess u fil-meritu mhux minnu illi d-”decoder” mibjugh mill-konvenut kien difettuz.
Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.
Bl-ispejjez.

Semgha x-xhieda ta’ Noel Gauci, Joseph Ellul, Alfred Calleja, Iris Vera Ellul. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.

Ikkunsidra:
1. Il-kawza qed issir ghar-rifuzzjoni ta’ ammont imhallas ghal “decoder” li skond l-atturi kien difettuz.
2. Jigi rilevat illi d-difensur tal-konvenut nomine talbet li d-”decoder” in kwistjoni jigi depozitat fit-Tribunal, u t-Tribunal b’digriet tas-6 ta’ Ottubru, 2004 cahad tali talba b’dana illi jekk kellu jsir xi depozitu, dan kellu jsir tramite r-registru.
3. Dwar l-eccezzjoni li t-Tribunal mhux kompetenti ratione materiae, din qed tigi michuda in kwantu hawnhekk qed jintalab rifuzzjoni ta’ prezz fuq oggett mibjugh, konsenjat u li nstab li kien difettuz.
4. Fil-meritu l-attur Joseph Ellul spjega illi fl-10 ta’ Marzu, 2004 hu u martu kienu akkwistaw l-imsemmi “decoder” minghand il-konvenut nomine. Qabel ma akkwistaw dan huma kellhom “decoder” iehor li kien tal-marka Nokia, u li gie nstallat fil-kamra tas-sodda taghhom filwaqt illi d-”decoder” il-gdid gie nstallat fis-sitting room.
5. Skond Joe Ellul id-”decoder” il-gdid wara saghtejn ta’ uzu ma baqax jahdem. Ghalhekk huma hadu d-”decoder” ghand il-konvenut illi qalilhom illi l-problema kienet l-electric power supply taghhom.

6. Jirrizulta illi fil-5 ta’ April, 2004 Alfred Calleja Technical Officer mal-Goverment Works Department ghamel test fuq il-power supply u sabu korrett. Konsegwentement l-atturi regghu kkuntattjaw lill-konvenut biex jirrimpjazza lill-imsemmi “decoder” u dan rrifjuta.
7. Fil-fatt it-Tribunal ma jistax ma jinnutax l-inkonvenjenza illi ghaddew minnu l-atturi peress illi dana ppruvaw ihaddmuh f’diversi okkazzjonijiet u ma hadimx, ghalkemm meta haduh ghand il-konvenut hadem. Fl-istess jum filghaxija wara xi saghtejn li kienu nstallawh rega’ ma hadimx. Kull darba kienu jergghu jiehdu d-”decoder” ghand il-konvenut pero’ r-rizultat kien jibqa’ l-istess.
8. Alfred Calleja jispjega illi meta hadu d-”decoder” ghand l-agent, dana ma hadimx.
9. Noel Gauci jikkonferma illi kien baghat it-technician ghand l-atturi u meta ha d-”decoder” sab illi l-power supply kellha partijiet li nharqu. Gauci stess ighid hekk « gew jigbru d-”decoder” mill-hanut, xeghlt id-”decoder” il-hanut u kif xeghltu rega’ mar. It-technician rega’ fethu u sab illi tant kien ha kedda bil-varjazzjoni fil-vultagg li kienu qed imorru haga wara l-ohra. »
10. It-Tribunal qed jaghmel referenza ghad-dokumenti esebiti b’referenza partikolari ghal din l-ahhar xhieda tal-konvenut minn liema huwa evidenti illi d-”decoder” in kwistjoni ma kienx tajjeb. Id-”decoder” ma kienx tajjeb mill-bidu nett u ma jaghmilx sens li wiehed iwahhal fil-vultagg meta fil-fatt tali ma rrizultax pruvat apparti illi l-istess atturi kellhom “decoder” iehor fil-kamra tas-sodda illi baqa’ jahdem.
11. Jirrizulta illi l-valur tad-”decoder” huwa ta’ mija u disa’ u tletin lira (Lm139.00) filwaqt li hemm hamsa u ghoxrin lira ghall-installazzjoni u mija u hamsa u tletin lira (Lm135.00) ghad-dish u ghall-mutur. Definittivament ma jistghux l-atturi jitolbu lura l-prezz tad-dish, tal-mutur u ta’ l-installazzjoni, b’kollox mija u sittin lira (Lm160), pero’ fic-cirkostanzi huwa gust li jigu risarciti l-valur ta’ “decoder” li ma jistax jintuza.

Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa’ t-talba attrici limitatament fl-ammont ta’ mija u disa’ u tletin lira (Lm139.00). Bl-imghaxijiet legali dekorribbli mil-lum.

In vista tal-fatt illi dana d-"decoder" difettuz holoq inkonvenjent kbir ghall-atturi, l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu soportati in kwantu ghal tlett kwarti mill-konvenut u kwart mill-atturi."

L-atturi appellaw minn din is-sentenza u talbu biex din tigi modifikata billi tintlaqa' d-domanda taghhom ghall-bilanc tas-somma reklamata minnhom. Huma jikkontendu illi l-konkluzjoni tat-Tribunal tippekka in kwantu, gjaladarba l-ftehim negozjali kien wiehed, ma kienx jaghmel sens illi huma ma jigux rifuzi lura l-prezz ta' l-oggetti l-ohra mixtrija u li, minghajr id-*decoder*, ma kienu ta' ebda utilita`;

Kontra dan l-aggravju l-konvenuti javvanzaw b' risposta pregudizzjalijiet ta' indoli procedurali. Huma jsostnu fil-fatt dan li gej:-

(1) In-nullita` ta' l-appell billi kien mankanti fih esposizzjoni fil-qosor tal-fatti;

(2) L-improponibilita` ta' l-istess appell billi dan ma kienx jinkwadra fil-provvediment ta' l-Artikolu 8 (2) ta' l-Att V ta' l-1995;

Huwa fl-ordni logiku-guridiku illi qabel xejn tinghata twegiba lil dawn iz-zewg pregudizzjalijiet;

L-ewwel pregudizzjali hi assolutament wahda bla bazi fil-ligi, u jidher ovvju illi l-appellati ssollevaw il-punt minghajr l-icken accenn ghal xi dispost tal-kodici di rito li jesigi, taht piena ta' nullita`, illi l-appell ghandu jkun fih dikjarazzjoni fil-qosor tal-fatti. L-Artikolu 143, subinciz (2) tal-Kapitolu 12 jikkontjeni b' mod preciz x' ghandu jkun fih ir-rikors ta' l-appell. A differenza ta' dak li jinghad fl-Artikolu 419 tal-Kodici Kriminali fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati fil-guridizzjoni taghha penali, il-precitat artikolu tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili ma jippreskrivix ukoll illi fir-rikors ta' l-appell ghandu jkun

hemm rakkont brevi tal-fatti. L-ewwel pregudizzjali qeghda ghalhekk tigi mwarrba;

Kwantu ghat-tieni pregudizzjali jokkorri li din tigi ezaminata fil-kwadru shih ta’ l-appell agitat. Dejjem pero` ghandu jinzamm in mira illi anke jekk il-gudizzju tat-Tribunal, ex-Artikolu 7 (1) tal-Kapitolu 380, ghandu jkun mizurat principalment fuq l-ekwita` dan ma jfisserx illi t-Tribunal jista’ jissorvola kompletament l-applikazzjoni tal-ligi ghall-meritu. Ma jkunx inopportun jekk jigi replikat dan l-insenjament estratt mis-sentenza fl-ismijiet “**The Performing Rights Society Ltd -vs- Reno Fenech**”, Appell, 3 ta’ Dicembru 1999:-

“L-idea jew il-kuncett illi t-Tribunal ghal Talbiet iz-Zghar jiddeciedi vertenzi devoluti lilu fuq bazi ta’ ekwita` ma jfisserx li dak li l-parti, tkun min tkun, tkun akkwistat bhala dritt, ghandu jigi negat lilha minhabba konsiderazzjonijiet mhux ta’ natura legali li, fil-fehma tal-gudikant, ikunu konsiderazzjonijiet ta’ “ekwita`”. L-ekwita` minnha nfisha trid li ssir gudizzju u jekk ikun jezisti dritt li jiskaturixxi minn obbligazzjoni assunta legalment u li tirrizulta jew minn xi disposizzjoni kontrattwali regolarment konvenuta u accettata bejn il-kontendenti, l-ekwita` trid illi dik id-disposizzjoni, dik l-obbligazzjoni mhux biss tigi onorata, imma tigi protetta mit-Tribunal ghal Talbiet iz-Zghar, li wara kollox, qieghed hemm biex jaghmel gusitizzja. Ikun l-akbar kontro-sens li jinghad illi minhabba konsiderazzjonijiet ohra, li fil-fehma tat-Tribunal ghal Talbiet iz-Zghar ikunu importanti, drittijiet legali jigu skartati u addirittura injorati u negati meta huwa evidenti illi dan ma jkunx xejn hlief illegalita` li minnha nfisha ma hix konfacenti u kompatibbli mal-kuncett ta’ ekwita`.” Dan l-istess insenjament gie approvat u ribadit fid-decizjoni “**Blye Engineering Company Limited -vs- Vincent Caruana**”, Appell, 27 ta’ Ottubru 2000;

B’ mod konciz il-fattispeci tal-kaz prezenti huma dawn:-

(1) Skond il-fattura a fol. 35 datata 9 ta’ Frar 2004, l-atturi xtraw minghand il-konvenut Humex *decoder* u *motorized dish* ghall-prezz ta’ mitejn u disgha u disghin lira (Lm299). Effettivament, l-atturi, kif accettat ukoll mill-konvenut Noel Gauci (fol. 41) hallsu tliet mitt lira (Lm300). Skond dan il-konvenut l-ammont kien maqsum hekk: Lm139 ghad-*decoder*, Lm25 ghall-installazzjoni u Lm135 ghad-*dish* u l-mutur;

(2) Mill-bidunett id-*decoder* irrizulta li kien difettuz u gie riparat aktar minn darba. Ara xhieda ta’ l-atturi a fol. 18, 29 u 44 rispettivament;

(3) Il-konvenut attribwixxa l-hsara ghal difett fl-*electrical power supply* fil-fond ta’ l-atturi izda dan jinsab kontraddett mix-xhieda ta’ Alfred Calleja (fol. 24) u mic-certifikat ta’ l-Enemalta esebit a fol. 47;

(4) Id-*decoder* thalla mill-atturi ghand il-konvenut peress illi huma rrifjutaw li jehduh lura;

Premessi dawn il-fatti, hu provvdut mill-Artikolu 1378 tal-Kodici Civili illi l-bejjiegh kellu, oltre l-konsenja, jiggarantixxi l-haga mibjugha, ukoll “ghad-difetti li ma jidhrux ta’ dik il-haga” (Artikolu 1408, Kodici Civili). “Garanzija din favur ix-xerrej intiza biex takkordalu l-opportunita` li xorta jirrecedi mill-bejgh bl-azzjoni redibitorja jew li jzomm il-haga u jitlob lura dik il-bicca mill-prezz li tigi stabbilita mill-Qorti u li tirrapprezenta l-valur tad-difett riskontrat” (“**Joseph Vassallo *et* -vs- Antonia Borg**”, Appell, 6 ta’ Ottubru 2000);

Naturalment l-garanzija li l-venditur joghgbu jakkorda lix-xerrej fuq il-ftehim konkordat (ara Warranty Certificate a fol. 34) topera b’ mod awtonomu u indipendenti mir-regola legali tal-garanzija ghall-vizzji tal-haga mibjugha jew tar-responsabilita` ordinarja minhabba mankanza tal-kwalita`.

Fil-kaz in ispecje jidher bil-wisq evidenti illi d-*decoder* vendut immanifesta mill-bidunett imperfezzjonijiet fih li

rrendewh inidoneu ghall-iskop li nxtara. Imperfezzjonijiet li, skartata l-allegazzjoni ta' xi difett fl-*electrical power supply*, ma jistghux ma jitqiesux gravi, okkulti u pre-ezistenti ghall-bejgh. Il-konvenut venditur jirrikonoxxi dan l-vizzju fil-haga minnu aljenata. Dan anke jekk mhux espressament. Dan hu rikavat "*per facta concludentia*" mill-ezekuzzjoni tar-riparazzjonijiet u s-sostituzzjoni ta' komponenti tad-*decoder* bl-iskop tar-repristinar tal-funzjonalita` tieghu;

Ferma din l-osservazzjoni, jinsab deciz fl-Appell Kummercjali tad-29 ta' Jannar 1954 in re: "**Perit Cavaliere Emmanuele Borg -vs- Carmelo Petroni *nomine***" illi, "xejn ma jimporta li l-vizzju jista' jigi riparat; dak li jimporta hu eskluzivament l-istat u l-kondizzjoni tal-haga fil-mument meta din tghaddi ghar-riskju u perikolu tal-kumpratur; u min ihallas il-prezz gust ta' haga gdida ma ghandux jigi kostrett jikkuntenta b' haga msewwija, kbira jew zghira kemm tkun dik it-tiswija";

Dan stabbilit, il-komprovendita in kwstjoni ma kienetx biss tad-*decoder* izda kienet tinkludi wkoll il-*motorized dish*. Isegwi li l-vendita kienet wahda *quid unum* ta' dawn iz-zewg oggetti. Fir-realta` l-oggett wiehed minghajr l-iehor ma jiswa ghal xejn. Il-wiehed hu dipendenti mill-iehor, li minghajru ma jipprokura ebda utilita` kwalsiasi lix-xerrej. Ara a propozitu l-**Baudry Lacantinerie** ("**Della Vendita e della Permuta**", Vol. XIX pagna 329 para. 317). Konsiderat il-fatt imbaghad illi d-*decoder* hu ta' marka partikulari l-argoment li bil-parti tal-prezz rimborsata l-atturi jkunu jistghu jixtru *decoder* iehor sostitutiv ma jiggjovax lill-konvenuti. Dan ghaliex, in tema legali, il-vendita` tad-*decoder* kienet tikkomprendi l-pertinenzi u accessorji specifici ghalih u dan jillegittima lill-atturi xerrejja jinvokaw ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt fl-interita` tieghu;

In bazi ghal dak appena espost, gjaldarba l-appellanti kompraturi nqdew bir-rimedju li jirrizolvu l-ftehim tal-vendita` shiha, huma kellhom kull dritt, biex iharsu l-

jeddijiet taghhom fl-ambitu tar-relazzjoni negozjali li kien hemm bejnhom u l-konvenuti appellati, illi jirrikjamaw ghandhom ir-radd lura tal-hlas tas-somma shiha mhallsa. Materja din li bl-operat ta’ l-Artikolu 3 (2) tal-Kapitolu 380 kienet taqa’ sew fil-gurisdizzjoni tat-Tribunal adit;

Jidher car illi t-Tribunal naqas milli korrettement iqis l-implikazzjonijiet kollha guridici tal-bejgh in ezami u fil-fatt, fil-hsieb ta’ din il-Qorti, is-sentenza appellata mhix munita b’ dawk l-argumenti legali li l-kaz kien hekk jirrikjedi. Dan iwassal lil din il-Qorti biex tiddissenti mill-konkluzjoni raggunta, u, filwaqt li tirrespingi l-pregudizzjalijiet sollevati mill-konvenuti, tghaddi biex takkolji l-aggravju lilha sottomess mill-atturi appellanti.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa’ l-appell interpost u b’ hekk timmodifika s-sentenza appellata billi takkolji wkoll it-talba ta’ l-atturi appellanti ghar-rifuzjoni tal-kumplament tal-prezz. L-ispejjez taz-zewg istanzi jitbatew mill-konvenuti appellati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------